MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1872/1999/1

**John u Gemma konjugi Gatt, Joseph u Margaret konjugi Galea, Louis u Isabelle konjugi Mifsud, Victor u Maria konjugi Formosa, Renato u Lilian Theuma, Lucian u Janette Theuma, Anita u Anthony Willoughby, Alfred u Rita konjugi Zahra, Anthony Testa, Francis Attard u David Scicluna**

**Vs**

**Anthony Abdilla u Carmel Scicluna f'isimhom propju kif ukoll in rapprezentanza ta' Casa (Real Estate) Limited; kif ukoll in-nisa taghhom Mary Connie Abdilla u Mary Lilian Scicluna rispettivament**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi

Premess illi l-atturi huma propjetarji tal-garage jew garages rispettivi taghhom f’kumpless ta’ garages li l-access ghalihom hu minn Triq is-Sorijiet Ursolini fi Gwardamangia permezz ta’ drive-in privata;

Premess illi flimkien mal-kuntratt ta’ akkwist tal-garage rispettiv taghhom huma kienu akkwistaw ukoll in komun bejniethom il-propjeta` tad- drive-in imsemmija sa l-gholi tal-livell tal-garages;

Premess illi l-konvenuti jew min minnhom ghamlu dikjarazzjoni falza ma’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar meta ddikjaraw li bicca propjeta` immobbli li tinkludi din id-drive-in u l-garage mhux ufficjalment immarkat numru 17 hija kollha propjeta` taghhom, u talbu li jizviluppawha, u nghataw il-permess numru PA 1771/97 mill-istess Awtorita`;

Premess li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti meta huma imblukkaw u kissru d- drive-in imsemmija, u l-atturi kellhom juzaw access iehor li ma jissodisfax Il-bzonnijiet taghhom;

Premess li l-konvenuti jew min minnhom uzurpa art ta’ l-atturi biex fuqha jtellghu kostruzzjoni ghalihom;

Premess illi dan l-agir abbuziv tal-konvenuti jew min minnhom ikkawza danni lill-atturi jew lil uhud minnhom;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati b’ittra ta’ l-10 t’Awissu biex ireggghu d- drive-in ghall-istat li kienet fih qabel ma beda l-izvilupp ta’ l-istess konvenuti, izda baqghu nadempjenti;

Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara li l-atturi huma l-propjetarji tad- drive-in ezistenti bejn il-kumpless ta’ garages taghhom u t-Triq is-Sorijiet Ursolini fi Gwardamangia, u dan bl-art kollha ta’ tahtha u l-arja ta’ fuqha sa l-gholi ta’ l-oghola garage, liema propjeta` hija inkluza fl-izvilupp propost fil-permess numru PA 1771/97;
2. Tiddikjara li l-garage mhux ufficjalment immarkat bin-numru 17 fl-imsemmi kumpless ta’ garages u li jifforma parti mill-izvilupp propost fil-permess Numru 1771/97 mhux proprjeta` ta’ l-intimati izda propjeta` ta’ l-atturi Alfred u Rita Zahra;
3. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ghamel dikjarazzjoni falZa ma’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar meta qalu li anke dik id-drive-in u l-garage numru 17 huma propjeta` taghhom, u dan b’ingann li bih l-atturi gew eluzi mid-drittijiet taghhom;
4. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti u molestja fil-konfront ta’ l-atturi meta huma imblukkaw u kissru d- drive-in propjeta` ta’ l-atturi, u ppussessawha;
5. A tenur ta’ Artikoli 534, 543 u 556 tal-Kodici Civili ta’ Malta tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw din il-propjeta` immobbli ghall-istat antecedenti taghha billi jaghmlu x-xogholijiet mehtiega, jekk ikun hemm htiega taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi, u jirrimettu lill-atturi fil-pussess taghha;
6. Fin-nuqqas ta’ dan, ghaliex m’ghandhomx l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet necesarji biex tigi ripristinata d- drive-in ghall-istat li kienet fih qabel, a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom, okkoRrendo taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi.
7. Tiddikjara li l-konvenuti kkagunaw u qed jiKkagunaw danni lill-atturi jew lil uhud minnhom bhala kagun ta’ l-agir abbusiv taghhom;
8. Tillikwida d-danni hekk ikkawzati, jekk ikun hemm htiega permezz ta’ periti nominandi;
9. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi id-danni likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 10 ta' Awissu 1999, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Preliminarjament illi l-konvenuti Anthony Abdilla, Carmel Scicluna, Mary Connie Abdilla u Mary Lillian Scicluna ma' humiex il-legittimi kontradittur u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Preliminarjament l-irritwalita` tac-citazzjoni in kwantu qed tipproponi l-azzjoni ta' spoll (raba` talba) u l-azzjoni ta' millantazzjoni (hames talba) konguntement liema zewg azzjonijiet huma totalment differenti minn xulxin u huma proponibbli f'cirkostanzi totalment distinti u dan peress illi filwaqt li l-ewwel azzjoni tipprospetta it-telf tal-pussess, it-tieni azzjoni tipprospetta molestja fil-pussess izda mhux it-telf tieghu.

3. Preliminarjament illi l-ewwel tlett talbiet attrici huma inkompatibbli ma' azzjoni possessoria.

4. Illi l-azzjoni ta' spoll proposta mill-atturi hija perenta ai termini tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili.

5. Illi fil-mertu mhux minnu li l-konvenuti ikkommettew spoll vjolenti fil-konfront tal-atturi. L-atturi zvillupaw is-sottoswol tad-drive in imsemmija fic-citazzjoni li taghha l-atturi la qatt kellhom pussess u wisq anqas huma l-propjetarji. Kif il-garaxxijiet tal-atturi ma humiex propjeta` taghhom hekk ukoll id-drive in sottostanti d-drive in tal-atturi ma hiex propjeta` taghhom.

6. Illi l-konvenuti ma kkagunaw l-ebda danni lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet a fol 14 li bih gie nominat il-Perit Joseph Ellul Vincent bhala perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit a fol 32;

Semghet ix-xhieda tal-perit in eskussjoni;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat ir-rikors a fol 200;

**Talba**

Din l-kawza tirrigwarda talba ghal danni u biex il-konvenuti jirripristinaw drive-in ghall-istat li kienet fih qabel ma huma imblukkaw u kissruha u ppussessawha.

**Nomina perit tekniku**

Kien gie nominat il-Perit Joseph Ellul Vincenti biex jirrelata dwar it-talba attrici u dana ikkonkluda li ghal dak li hu co-ownership tad- drive-in minn Sisters Ursoline Str, din hi propjeta' indiviza ta' kull wiehed mis-sidien li ghandu garage f'dan il-livell kif ukoll co-owned mal-vendituri.

Rigward l-ownership ta' l-arja fuq id- drive-in li hemm minn Ursoline Str, u l-arja fuq il-garages, din tappartjeni lill Casa (Real Estate) Ltd, id-ditta konvenuta venditrici.

Il-kontestazzjoni hija dwar l-area ta' taht id-drive in. L-atturi qed jippretendu li hija taghhom, mentri l-konvenuti jghidu li hi taghhom.

Dwar it-talbiet attrici l-perit tekniku wasal ghall-dawn il-konkluzzjonijiet:

Rigward l-ewwel talba d- drive-in minn Ursoline Sisters Str, ghal garages ta' l-atturi tappartjeni lis-sidien tal-garages kollha anke tad-ditta Casa (Real Estate) Ltd u dan sa gholi ta' l-ghola garage izda mhux tas-sottoswol li fil-maggoranza tieghu kien gja mibni qabel ma xtraw is-sidien tal-garages ta' fuq.

Dwar it-tieni domanda l-garage numru 17 mhux tal-konvenuti Casa Ltd izda ta' min kien xtara minghand Casa Ltd.

Rigward it-tielet domanda d-dikjarazzjoni li ghamel Carmelo Scicluna saret b'intenzjoni tajba billi kellu konvenju u ftehim privat mad-sidien tal-garages kollha u ppresuma li kien awtorizzat li japplika ghal permess f'isimhom.

Dwar ir-raba' talba id-drive-in giet imkissra u mhaffra mill-konvenuti u ghadha hekk sal lum. F'xi zmien kien hemm ftehim li din ir-rampa titkisser izda dan il-ftehim ma sehhx u rega' kollox mar lura ghall li kien qabel.

Rigward il-pilastru tal-concrete dawn iridu jitnehhew billi hadd ma jista' jostakola d-drive-in.

Id-drive-in trid terga tinbena bl-gholi, wiesgha u dawrien kif kienet qabel.

Dwar jekk il-15 il-pied, il-parti ta' quddiem tad-drive-in, hiex tal-co-owners kollha jew tad-ditta attrici Casa Ltd, meta sar il-ftehim u kuntratt dak li kien intiz kien li kull sid ta' garage kellu jkollu wkoll il-mezz kif jasal ghal garage tieghu li xtara u ghalhekk kull sid xtara id-dritt u l-kommunjoni u l-uzu tad-drive-in, xejn izjed u xejn aktar, la fuq id-drive-in u lanqas taht id-drive in.

**Eccezzjonijiet**

**Legittimi kontraditturi**

Il-partijiet ma qablux mal-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u saru sottomissjonijiet miz-zewg partijiet.

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-konvenuti Anthony Abdilla, Carmel Scicluna, Mary Connie Abdilla u Mary Lilian Scicluna personalment ma' humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati

mill-osservanza tal-gudizzju u dana billi l-izvilupp tal-garaxxijiet mertu tal-kawza sar mis-socjeta’ konvenuta.

Il-Qorti tirrileva li entitajiet legali ma jistghux min-natura taghhom infushom jkunu responsabbili ghal delitti jew kwazi delitti u ghalhekk il-kundanna trid issir tramite il-persuna li ghandha r-responsabilita’ biex tagixxi ghan-nom taghha. Fil-kaz odjern kif allegat mill-atturi kienu persuni fisici, cjoe l-konvenuti, li kissru r-rampa u kkawzaw hsara. L-ispoll gie kommess minn persuni fizici anke jekk qed jirrapprezentaw ukoll ente morali.

**Irritwalita’ tac-citazzjoni**

Il-konvenuti eccepew ukoll l-irritwalita` tac-citazzjoni in kwantu qed tipproponi l-azzjoni ta’ spoll (raba` talba) u l-azzjoni ta’ millantazzjoni (hames talba) konguntement liema zewg azzjonijiet huma totalment differenti minn xulxin u huma proponibbli f’cirkostanzi totalment distinti u dan peress illi filwaqt li l-ewwel azzjoni tipprospetta it-telf tal-pussess, it-tieni azzjoni tipprospetta molestja fil-pussess izda mhux it-telf tieghu.

Fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet J. Tabone vs J. Flavia tas- 7 ta’ Marzu 1958 kienet saret riferenza ghal gurisprudenza taljana li kienet issostni li gie diversi drabi deciz illi “l’azione di manutenzione in possesso e’ incompatibile con quella di spoglio” u li “essendo le due azioni “reintegrandae” e “manutendae possessionis” istituti diversi di indole, di scopo e di rito, non e’ regolare in proporle in giudizzio simultaneament, tuttocche’ in modo sussidiario”.

Il-Qorti kienet osservat li kontra dawn, hemm sentenzi ohrajn li jghidu illi z-zewg azzjonjiet jistghu jigu proposti kontemporanjament, il-wahda sussidjarja ghall-ohra fl-istess gudizzju. Izda ankorke, pero’, li kellha tigi accettata din l-ahhar opinjoni, huwa zgur li din ma tillegittimax li jigi jezercita konfuzament iz-zewg azzjonijiet flimkien b’domanda wahda.

Fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-10 ta’ Gunju 1991 fil-

kawza fl-ismijiet C. Galea vs R. Mifsud et il-Qorti kienet irrikonoxxiet li l-gurisprudenza in materja ma kienitx univoka pero' irriferit ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Ottubru, 1936 fil-kawza fl-ismijiet Stivala vs Field Vol 29 p1 p 753) "fejn kien gie deciz li huwa ragjonevoli u konformi mal-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju, biex fejn l-atti jekk jista' jkun, ghandhom jigu salvati, il-moltiplikazzjoni ta' azzjonijiet evitati u l-ispejjez gudizzjarji jigu mizmua fil-livell minimi kompatibbli ma' l-esigenzi ta' l-azzjoni".

Qalet ukoll li "l-forma tac-citazzjoni (ghall spoll privilieggjat) ma timpedix lill Qorti li tista' tghaddi ghall-kwistjoni petitorja fuq l-istess atti, meta m'hemmx termini tali li jeskludu assolutament dik l-azzjoni..."

Issa fil-kaz in ezami hemm domandi distinti kemm ghal dak li hu spoll (tielet u raba') kif ukoll ghal dak li hu petitorju (l-ewwel zewg talbiet) u ghalhekk skond il-gurisprudenza fuq kwota il-Qorti ma ssibx li hemm ostakoli formali fit-talbiet li jimpedixxu l-kontinwazzjoni tal-kawza u ghalhekk mhux il-lok li c-citazzjoni tigi annullata. Is-sentenza li ghamlu riferenza ghaliha l-konvenut, Appell tal-10 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Buhagiar vs Buhagiar, dik il-Qorti kienet qalet li taqbel mal-principji fuq enuncjati, izda fil-kaz li kellha quddiemha ma kienux japplikaw.

Jigi rilevat ukoll li dina l-eccezzjoni kienet gie sollevata fil-bidunett meta gew intavolati l-eccezzjonijiet (quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta) u kien gie nominat perit tekniku biex jezamina l-mertu u ciononostante l-konvenuti ma nsistewx fuq l-eccezzjoni dwar in-nullita' tac-citazzjoni u minflok baqghu jipprezentaw atti u dana kontra id-dispost ta' l-artikolu 789 (2) tal-Kap 12.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti. L-istess jinghad ghat-tielet eccezzjoni.

**Mertu - is-sottoswol tad- drive-in**

Ir-raba' u sitt eccezzjonijiet ser jigu trattati flimkien mal-hames eccezzjoni li tirrigwarda l-mertu.

Fil-hames eccezzjoni il-konvenuti qed jeccepixxu li mhux minnu li l-huma kkommettew spoll vjolenti fil-konfront ta' l-atturi. Huma zvillupaw is-sottoswol tad- drive-in imsemmija fic-citazzjoni li taghha l-atturi la qatt kellhom pussess u wisq anqas huma l-propjetarji.

Skond il-perit nominat jirrizulta mill provi li s-sottoswol taht id- drive-in fil-maggjoranza tieghu kien gja mibni qabel ma xtraw is-sidien tal-garages ta' fuq hlief ghal parti taht ir-rampa. Il-perit tekniku kkonkluda li meta sar il-ftehim u kuntratt dak li kien intiz kien li kull sid ta' garage kellu jkollu wkoll il-mezz kif jasal ghal garage tieghu li xtara u ghalhekk kull sid xtara id-dritt u l-kommunjoni u l-uzu tad-drive-in, xejn izjed u xejn aktar, la fuq id- drive-in u lanqas taht id- drive in.

L-atturi ma qablux mal-konkluzzjoni tal-perit tekniku li l-ebda parti mis-sottoswol tad- drive-in ma tappartjeni lill-atturi. Huma jsostnu li l-ligi trid li *qui est dominus soli, dominus est coeli et inferorum*. Din hi presunzjoni li tista' tigi ribattuta. Fil-kuntratt ta' xiri ma kien hemm ebda limitazzjoni fuq is-sottoswol, ghajr dak li kien diga mibni. Huma jaqblu li dik il-parti taht il-garages li kienet diga zvilluppata, ma kienux ser jixtruha izda s-sottoswol mhux zviluppat taht l-ewwel 15 il-pied tad- drive-in ma kellux ghaliex ma jigiex trasferit ukoll. Dan huwa taghhom ukoll in kommun ghalhekk saret l-ewwel talba.

Il-konvenuti jirritjenu li la darba fid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt li permezz tieghu l-atturi xtraw il-garaxxijiet taghhom, is-socjeta' venditrici Qrejten Ltd ma kienitx sid is-sottoswol tad- drive-in, allura l-atturi ma setghu qatt xtraw dan is-sottowol. Kien biss zmien wara li s-socjeta' konvenuta xtrat minghand terzi il-propjeta' ta' l-ewwel parti tad- drive in mertu tal-kawza odjerna. Isegwi ghalhekk li l-atturi qatt ma kellhom il-pussess la legali la fattwali tas-sottoswol.

Inoltre huma jsostnu li l-fatt li l-atturi iffirmaw l-iskritturi biex ir-rampa tinbidel, juri bic-car li l-atturi qatt ma kienu qed jikkunsidraw li ghandhom ukoll il-propjeta' sottostanti ghad- drive-in.

**Tikkunsidra**

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz id- drive-in kif ukoll l-art taht id- drive-in li ma kienitx zviluppata hija propjeta' ta' l-atturi in kommun. Kif xehed in-Nutar Tonio Spiteri li rrediga hafna mill-kuntratti in kwistjoni, f'kaz li s-sottoswol kien kollu zviluppat allura hu ovvju li dan mhux qed jigi trasferit mentri kieku dan is-sottoswol ma kienx zviluppat kollu u m'hemm ebda rizerva fil-kuntratt allura nifhem li dan qed jigi trasferit. (ara fol 119). Dan jaqbel ma dak li tipprovvdi l-Ligi fl-artikolu 323 tal Kap16 li "kull min ghandu l-propjeta' ta' l-art, ghandu wkoll dik ta' l-area ta' fuqha u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taht wicc l-art". F' dan il-kaz il-vendituri irrizervaw li jsaqqfu u jibnu fuq id- drive-in u l-garages imma ma ghamlux ebda rizerva ghal dik il-parti mhux zviliuppata taht ir-rampa jew drive-in. Ghalhekk dina l-parti ghandha tkun ukoll tal-propjetarji in kommun.

Il-fatt li hafna mill-atturi ffirmaw l-iskrittura li biha kienu accettaw li tinbidel il-posizzjoni tar-rampa, mhux rilevanti, billi l-atturi kienu ser jiehdu korrispettiv vantagguz ghalihom ghal dak kollu li huma kienu ser icedu.

Ghalhekk l-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tigi milqugha.

Kwantu ghat-tieni talba l-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit tekniku li dina t-talba ghandha tigi akkolta u fil-fatt ma saret ebda opposizzjoni ghaliha.

Fit-tielet talba l-atturi qed jallegaw li l-konvenuti ghamlu dikjarazzjoni falza mal-MEPA meta qalu d- drive-in u l-garage numru 17 huma propjeta' taghhom. Il-Perit ikkunsidra li dak li ghamlu l-konvenuti, ghamluh in bona fede billi huma kellhom konvenju ma Zahra fuq il-garage u skritturi mas-sidien l-ohra u imxew fuq din l-awtorizzazzjoni ghalkemm fil-fatt kemm l-iskritturi kif ukoll il-konvenju mbaghad skadew. Il-konvenuti kienu ghamlu

d-dikjarazzjoni a bazi ta’ dawn l-iskritturi li kienu iffirmaw is-sidien. L-atturi kienu konsapevoli tal-progett propost u kienu taw il-kunsens taghhom bil-miktub ghalkemm wara kien sfaxxa kollox. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li hemm l-estremi tal-ligi biex jigi dikjarat li kien hemm dikjarazzjoni volutament falza, ghalhekk dina t-talba ma tistax tigi milqugha.

Fir-raba’ talba l-atturi qed jitolbu li jigi deciz li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti. Il-konvenuti qed isostnu li l-azzjoni ma tistax tirnexxi billi l-azzjoni ma gietx propost fi zmien xaghrejn kif titlob il-ligi fl-artikolu 535 tal-Kap 16.

Skond l-imsemmi artikolu 535 l-azzjoni ta’ spoll trid tigi intavolata fi zmien xahrejn minn meta jigi kommess l-allegat spoll. Il-konvenuti jirritjenu li t-twaqqih tad- drive-in u kostruzzjoni tal-pilastri saru ferm qabel xahrejn mid-data li fiha giet intavolata l-kawza odjerna. Skond ir-rapport tal-pulizija DDZ/6 id-demolizzjoni sar qabel is-27 ta’ Mejju, 1999 mentri c-citazzjoni giet intavolata fid-19 ta’ Awissu, 1999 oltre x-xahrejn. Ghalhekk dina t-talba ma tistax tigi milqugha.

L-atturi pero’ talbu wkoll (ara hames talba) li a tenur ta’ l-artikolu 534 tal-Kap 16 il-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex jirripristinaw din il-propjeta` immobbli ghall-istat antecedenti taghha billi jaghmlu x-xogholijiet mehtiega u jirrimettu lill-atturi fil-pussess taghha. Din l-azzjoni hi ezercitabbli fi zmien sena minn molestja.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kienu l-konvenuti li kissru r-rampa li taghti ghall-garages. L-art ta’ taht id- drive-in giet annessa mill-konvenuti u l-ghamla tad- drive-in giet idjaq minn kif kienet qabel billi nbnew pilastri li qed itellfu lill atturi milli jidhlu fil-garages taghhom kif kienu jaghmlu qabel.

Ghalkemm hu veru li kien sar ftehim biex r-rampa tinbidel u ma tibqax fejn kienet, pero’ l-atturi ma kienux taw kunsens biex taht r-rampa jithammel u jsir parti mill-garage tal-konvenuti kif wkoll ma kienx hemm awtorizzazzjoni biex jinbnew pilastri li jdejjqu d- drive-in.

Dana apparti l-fatt li l-ftehim imbaghad kien skada. Ghalhekk, kif ikkonkluda l-Perit tekniku, l-pilastri ghandhom jitnehhew u r-rampa terga ssir kif kienet qabel.

L-atturi ghamlu wkoll talba ghal danni li huma allegaw li sofrew minhabba l-agir tal-konvenuti. Il-Qorti wara li qieset kollox qed tiffissa arbitrio boni viri s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bhala danni kagjonati lill atturi minhabba l-okkupazzjoni tal-arja taht ir-rampa ghal dawn l-ahhar hames snin.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet attrici
Hlief ghat-tielet (3) u r-raba' (4) talba;
tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien tlett xhur millum jirripristinaw din il-propjeta` immobbli ghall-istat antecedenti taghha billi jaghmlu x-xogholijiet mehtiega, taht is-supervizjoni tal-Perit Joseph Ellul Vincenti li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, u jirrimettu lill-atturi fil-pussess taghha;
Fin-nuqqas ta' dan, l-atturi qed jigu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet necesarji biex tigi ripristinata d-drive-in ghall-istat li kienet fih qabel, a spejjez tal-konvenuti taht is-supervizjoni ta' l-istess perit nominat;
Tiddikjara li l-konvenuti kkagunaw danni lill-atturi bhala kagun ta' l-agir abbusiv taghhom fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000);
Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi id-danni hekk likwidati.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------